FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
-4 JAN 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq Numru EC 183/2022**

Alex Manche

-vs-

Awtorità tal-Ippjanar

**APPELL ta' Alex Manche**

Illi l-esponenti sar jaf illi l-Awtorità appellata ħarġet l-Avviż biex tieqaf u ta' twettieq bin-numru ta' referenza EC 183/2022 li permezz tiegħu qiegħed jiġi allegat li: *"Għandek żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn bini ta' ħajt b'bieb tal-injam, u* dan mibni 'l barra mil-linja uffiċjali tal-bini", fi Triq Il-Kbira, Sqaq Nru16, Triq Profs. Wallace Gulia, Żebbuġ, Malta.

Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat bl-imsemmi Avviż in kwantu dan huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-istruttura in kwistjoni ilha teżisti sa minn qabel l-1967 u għalhekk ma tirrikjedi l-ebda permess.

Illi kwalsijasi intervent jew alterazzjoni li ma jbiddilx materjalment l-apparenza esterna ta' struttura sabiex tirrendi l-apparenza inkonsistenti mal-karattru tal-istruttura jew mal-istrutturi biswit tagħha, kif ukoll interventi li ma jolqtux materjalment id-dehra ta' barra ta' binja ma jirrikjedi l-ebda permess.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrevoka l-Avviż biex tieqaf u ta' twettieq bin-numru ta' referenza EC 183/2022.

Avv. Massimo Vella
43E, St. Paul's Buildings
West Street
Valletta

Esponenti: 6/7, Sqaq Nru. 16, Triq il-Kbira, Żebbuġ, Malta

Notifika: Awtorità tal-Ippjanar, St Francis Ravelin, Floriana

**ELENKU TAX-XHIEDA ta' Alex Manche**

1. L-esponenti għall-konferma tal-fatti dikjarati.

2. Rappreżentanti u impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-konferma tal-istess fatti.

3. Ġirien tal-esponenti sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ.

4. Ħaddiema inkarigati mill-esponenti.

Avv. Massimo Vella
43E, St. Paul's Buildings
West Street
Valletta